KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 5/60/194/11

## Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru.60

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli w il-Kunsillier Lynch. Il-Kunsillier Borg Myatt w il-Kunsillier Ferris kienu skuzati. Kien hemm prezenti wkoll il-Perit tal-Kunsill, is-Sur Chris Mintoff. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-laqgha.

### 1) Tender Bandli Gnien Pawlu Boffa

1.1 - Il-Perit tal-Kunsill, is-Sur Chris Mintoff ta' spjegazzjoni dwar x'passi ha l-Bord ta' l-ghazla' fuq it-tenders.

1.2 - Is-Segretarju nforma li l-unika offerta li lahqet ir-rekwiziti kollha u kellha c-certifikati kollha in regola u dan fuq parir tal-*Malta Standards Authority* kienet l-offerta ta' Alhag Ltd.

1.3 - Wara diskussjoni, gie deciz li l-mozzjoni li ghaddiet fl-ahhar laqgha tibqa' xorta fis-sehh u ghalhekk l-orhos offerta li kellha c-certifikati w l-ispecifikazzjonijiet kollha kif mitluba fit-tender hija l-unika offerta li lahqet ir rekwiziti li hija dik ta' Hags Ltd.

1.4 - Is-Segretarju qal li ser tintbaghat ittra lil *Malta Standards Authority* biex jikkonfermaw ic-certifikati ta' Hags Ltd. Jekk dawn jinstabu li huma validi tinhareg immedjatament l-*accaptance letter*. Il Kunsill approva unanimament.

1.5 - Saret diskussjoni dwar Jum Paola, dwar il-Programm Konfini u dwar il-Ftuh tal-Gnien Pawlu Boffa biex jigi ccelebrat kollox nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2011.

1.6 - Il-Kunsillier Lynch issuggerixxa li ghal Jum Paola, jgib *animation team* ghat-tfal. Hu qal li ghandu jaghti d-dettalji tal-programm aktar 'l quddiem.

2) **Aggornament**

2.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fis-7.00pm u aggornata ghal nhar il-Hamis 9 ta' Gunju 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 9/6/11

Kevin Borg

Segretarju

Dominic Grima

Sindku